MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 352/2003

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***O'Connor's Malta Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) rappresentanti kwantu ghal Lm600 *Royalty* dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Mejju 2002 sal-5 ta' Mejju 2003, in konnessjoni mal-licenzja numru 011118 (Dokument A anness ma' l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' konvenuta, b'liema licenzja s-socjeta' konvenuta qieghda tigi moghtija d-dritt illi xxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-

istabbiliment *O’Connor’s Irish Pub*, San Pawl il-Bahar u Lm90 Taxxa fuq il-Valur Mizjud

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Lulju 2002 u l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-P.L. Josette Attard ghas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------